**Nru. 462**

**L-AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju ta’ l-Impatt Ambjentali Limitat**

SKOND ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar tal-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta’ 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b’mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqastant it-tħejjija ta’ studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta’ Riferenza: TRK145078
Post: Sit f` Ta’ Darrenzi,
Triq Għajn Tuffieħa,
Mġarr, Malta

Proposta: Rijabilitazzjoni ta żona rurali f’park għar-rikreazzjoni u divertiment. Proġett jinkludi t-tindif bl-idejn ta’ mogħdijiet eżistenti, pavimentar tal-passaġġ prinċipali u ċentru żgħir għal osservazzjoni/wiri.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma’ numru ta’ miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl 4 ta’ Jannar 2013 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-27 ta’ April 2013.

**No. 462**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts. The Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK145078
Location: Site at Ta’ Darrenzi,
Triq Għajn Tuffieħa,
Mġarr, Malta

Proposal: Rehabilitation of a run down rural area into a recreational and leisure park. Project includes the cleaning by hand of existing footpaths, paving of main entrance path and a small exhibition/observation centre.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the PDS dated 4th January 2013 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 27th April, 2013.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures etc*** |
|---|---|
| Użu tal-art | Il-proposta se tintroduċi strutturi mibnija u formalizzazzjoni ta’ sit li bħalissa huwa art miftuħa b’taħlita ta’ xagħri u masġar f’żona ta’ konservazzjoni rurali. Minkejja li l-iskala tal-interventi proposti hija tali li l-ebda impatt sinifikanti ma huwa mistenni, dawn il-punti huma l-aħjar li jiġu indirizzati direttament permezz tal-mekkaniżmu prinċipali tal-kontroll tal-iżvilupp. |
| *Land Use* | *The proposal will introduce built structures and formalisation of a site that is currently open land with a mix of garrigue and afforested land, located within a Rural Conservation Area. Although the scale of the proposed interventions are such that no significant impacts are likely, such issues are best addressed directly through the mainstream development control mechanism.* |

| | |
|---|---|
| Dwal | Il-proposta se tintroduċi dwal f'żona fejn bħalissa m'hemmx dawl. Dan id-dawl jista' potenzjalment ikollu impatt fuq l-avifawna u l-fawna ta' bil-lejl. Dan l-impatt mhux meqjus sinifikanti peress li jista' jiġi evitat direttament billi jitneħħew id-dwal esterni mid-dettalji tal-proġett. Jekk din l-introduzzjoni ta' dawl tibqa' tiġi kkunsidrata, jiġi meqjus xieraq studju speċifiku. |
| *Lighting* | *The proposal will introduce lighting into a currently unlit area. Lighting may have a potential impact on noctural avifauna and fauna. The impact is not considered significant given that such impact may be pre-empted at source through elimination of external lighting from the project specifications. Should the introduction of lighting be considered further, then a targeted study may be considered.* |

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċizjoni dwar l-applikazzjoni.

Il-31 ta' Mejju, 2013

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

31st May, 2013

**Nru. 463**

**AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali msemmi hawn taħt mit-28 ta' Mejju, 2013:

| *Kunsill Lokali* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
|---|---|
| Il-Ħamrun | Philip Massa |

Il-31 ta' Mejju, 2013

**No. 463**

**LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 28th May, 2013:

| *Local Council* | *Executive Secretary* |
|---|---|
| Il-Ħamrun | Philip Massa |

31st May, 2013

**Nru. 464**

**DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali msemmi hawn taħt mit-13 ta' Mejju, 2013:

| *Kunsill Lokali* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |
|---|---|
| Ħ'Attard | Yanika Calleja |

Il-31 ta' Mejju, 2013

**No. 464**

**LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of the undermentioned Local Council with effect from the 13th May, 2013:

| *Local Council* | *Deputy Executive Secretary* |
|---|---|
| Ħ'Attard | Yanika Calleja |

31st May, 2013